

Brussell, 19 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14076/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0247 (NLE)**

**AGRI 545
PROBA 43
WTO 305**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward tal-istandards kummerċjali applikabbli għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ - <i>Adozzjoni</i>

1. Fil-31 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni baġtet lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward tal-istandards kummerċjali applikabbli għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ¹.
2. Fid-19 ta' Novembru 2019, il-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Bażiċi qabel dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta msemmija hawn fuq bil-bażi ġuridika u l-Artikolu 3 tagħha modifikati kif issuġġerit mis-Servizz Legali tal-Kunsill.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Bażiċi; u
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif riveduta mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 14078/19 bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss.

¹ 13739/19 + ADD 1 + ADD 2